2003 saret serata ddedikata għalih mill-Universita` u kien hemm wirja ta' kitbiet tiegħu - għalkemm saħħtu ma kinitx tippermetti, hu pparteċipa u apprezza kemm seta'. Wara xahar minn mewtu fit-13 ta' April, 2005 il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żagħżagħ u Xogħol organizza lejla ta' tifkira ta' Guże` Cassar-Pullicino meta kelli l-unur li nagħmel erba' kelmiet dwaru, u wkoll saret wirja tax-xogħlijiet tiegħu.

Hawn ma nistax nikteb dwar ix-xogħlijiet tiegħu għax l-iskop huwa biss li nfakkruh u napprezzawh imma għalkemm ħalliena xogħlu baqa' warajh u ma ntilifx, u għad irid jibqa' jaqdi l-iskopijiet tiegħu. Bil-mewt ta' Ġużeċ Malta tilfet persuna li tagħmlilna unur u l-Għaqda tagħna tilfet kolonna ta' inkoraġġiment li żammitna sejrin mill-1964 s'issa, imma nibqgħu niftakru lilu u x-xogħol tiegħu fostna.

**Guido Lanfranco**

**Apprezzament:**

# IS-SUR GUIDO LANFRANCO U L-IMNARA

## 25 sena ta' ħidma.

Il-Laqgħa Ġenerali biex titwaqqaf għall-ewwel darba l-Għaqda Maltija tal-Folklor saret fl-*Anglo Maltese League*, il-Belt, fil-21 ta' Diċembru, 1964. Imma kien fl-1978 li *L-Imnara* ħarġet l-ewwel darba, imwaqqfa u editjata sa mill-bidu nett mis-Sur Guido Lanfranco. Matul is-snin *L-Imnara* saret perjodiku mfittex ħafna mill-istudjużi u mid-dilettanti tal-folklor.

F'Mejju ta' l-2004, wara 25 sena ta' ħidma, is-Sur Lanfranco ta formalment ir-riżenja tiegħu minn Editur ta' *L-Imnara*. Nhar it-12 ta' Jannar, 2005, il-kumitat ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor organizza festin żgħir fis-sede tal-*British Legion*, il-Belt Valletta, b'tislima u b' ringrazzjament lis-Sur Lanfranco għas-snin twal ta' ħidma tiegħu bħala Editur. Dakinhar, is-Sur Lanfranco ingħata ittra ta' ringrazzjament, iffirmata mill-membri kollha tal-kumitat ta' l-Għaqda li, fost l-oħrajn, kient tgħid li l-Għaqda twiegħed li se tagħmel minn kollox biex il-ħidma li beda s-Sur Lanfranco ma tmutx, imma tkompli tixxettel, u biex il-perjodiku ta' l-Għaqda jibqa' mfittex mill-pubbliku Malti u jibqa' għajn ta' tagħrif fuq il-Folklor.

Guido Lanfranco kien għalliem f'diversi skejjel primarji, sekondarji, u tekniċi; kien *lecturer* fit-Tagħlim tax-Xjenza u l-Istudji Soċjali fil-Kulleġġ ta' l-Għalliema *St. Michael's*; u kien il-Kap tad-Dipartiment tal-Bioloġija fil-Liċeo il-Ġdid G.F. Abela.

Fl-1969 ingħata l-Midalja tal-Bronż mill-Konfederazzjoni tal-Kumitati Ċiviċi; u fl-1996 ingħata wkoll il-Midalja Għall-Qadi tar-Repubblika.

Minbarra li kien l-editur ta' *L-Imnara*, is-Sur Lanfranco kien ukoll editur ta' News & Views, The Maltese Naturalist, u Kakti u Sukkulenti Oħra. Il-kotba li ppubblika jinkludu, fost l-oħrajn, Maltese Mammals (1969), Guide to the Flora of Malta (1955), Field Guide to the Flora of Malta (1956, 1969, 1977), Complete Guide to the Fishes of Malta (1958, 1965, 1974), The Fish Around Malta (1993), Duwa u Semm fil-Ħxejjex Maltin (1975), Ħxejjex Mediċinali u Oħrajn fil-Gżejjer Maltin(1993), L-Istorja tat-Trasport fil-Gżejjer Maltin (1999), Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin (2001), u Ħajjitna fl-Imgħoddi (2004). Kien ukoll ko-editur fir-Red Data Book for the Maltese Islands (1989) u fil-Flora u Fawna ta' Malta.

Is-Sur Lanfranco illum hu President Onorarju ta' l-Għaqda Maltija tal- Folklor u għadu għaddej bil-ħidma tiegħu b'riżq il-folklor Malti.



**Il-President Ms. Maria R. Pisani tippreżenta l-ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Guido Lanfranco**